


STORJA TA' SUĊĊESS



IL-FORUM TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

END THE CAGE AGE



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA - FITTEX PARIR

| WERREJ

„End the Cage Age“	3
Il-kampanja „End the Cage Age“	5
L-impatt tal-kampanja „End the Cage Age“	11



1

„End the Cage Age“

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej “End the Cage Age” ġiet reġistrata formalment fil-11 ta' Settembru 2018. L-inizjattiva talbet lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi projbizzjoni fl-UE kollha tal-gaġeġ fit-trobbija tal-annimali. Fl-UE, aktar minn 300 miljun annimal tat-trobbija jinżammu f'gaġeġ għall-biċċa l-kbira ta' ħajjithom. Il-gaġeġ huma krudili u mhux meħtieġa, peress li jeżistu sistemi ta' trobbija mingħajr gaġeġ u huma kummerċjalment vijabbli.

L-inizjattiva stiednet lill-Kummissjoni tipproponi leġislazzjoni li tipprojbixxi l-użu ta':

- gaġeġ għat-tiġieġ tal-bajd, għall-fniek, għall-għewietaq, għat-tiġieġ tas-simna, għat-tiġieġ tat-tnissil, għas-summien, għall-papri u għall-wiżż;
- gaġeġ tal-ħlas għall-ħnieżer nisa;
- imqawel tal-ħnieżer nisa, fejn ma humiex diġà pprojbiti;
- imgħalaq individwali għall-għoġġiela, fejn ma humiex diġà pprojbiti.”

“End the Cage Age” irnexxielha tiġbor appoġġ minn kważi 1.4 miljun firmatarju verifikat bil-limitu minimu milħuq fi 18-il Stat Membru. Għalhekk, “End the Cage Age” saret is-6 inizjattiva li rnexxielha tilħaq – u qabżet – in-numru meħtieġ ta' miljun firma.

Wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva fit-2 ta' Ottubru 2020, l-organizzaturi ltaqgħu formalment mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, Věra Jourová, u mal-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Stella Kyriakides, u aktar tard ippreżentaw l-inizjattiva waqt seduta pubblika fil-Parlament Ewropew (fil-15 ta' April 2021). F'sessjoni plenarja tal-10 ta' Ġunju 2021, l-MEPs approvaw it-talba taċ-ċittadini tal-UE għal tmiem gradwali tat-trobbija tal-annimali fil-gaġeġ u adottaw ir-riżoluzzjoni korrispondenti b'558 vot favur, 37 kontra u 85 astensjoni.

Fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-komunikazzjoni tagħha dwar din l-inizjattiva. Din spjegat l-azzjonijiet proposti, jiġifieri: tippreżenta, sa tmiem l-2023, proposta leġislattiva biex gradwalment telimina, u fl-aħħar mill-aħħar tipprojbixxi, l-użu ta' sistemi ta' gaġeġ għall-annimali



kollha msemija fl-inizjattiva. Il-Kummissjoni se tfittex ukoll miżuri speċifiċi ta' appoġġ f'oqsma ta' politika ewlenin relatati, bħall-kummerċ u r-riċerka u l-innovazzjoni. Peress li t-tmiem tal-użu tal-gaġeġ se jirrikjedi bidliet fis-sistemi tat-trobbija attwali, il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali tal-miżuri li għandhom jittieħdu u l-benefiċċji għall-benessri tal-annimali f'valutazzjoni tal-impatt li għandha titlesta qabel tmiem l-2022. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-fattibbiltà tal-leġiżlazzjoni proposta li tidħol fis-seħħ mill-2027.



Il-fatturi ta' suċċess:

- Li tiġi kkomunikata l-ħtieġa għall-bidla. Li ċ-ċittadini jifhmu li t-trobbija fl-gaġeġ ma tappartjenix lis-seklu 21;
- Li tiġi abbozza domanda ċara. L-inizjattiva ffukat fuq gaġeġ minħabba li jikkawżaw tbatija immensa u jħallu impatt negattiv fuq il-benessri tal-annimali. "End the Cage Age" iffokat fuq domanda waħda fost id-diversi speċijiet ta' annimali mrobbija fl-irziezet;
- Li tiġi stabbilita kollaborazzjoni b'saħħitha ma' atturi oħra b'appoġġ għall-kawża. Is-suċċess ta' din l-inizjattiva kien possibbli permezz ta' ħidma ma' aktar minn 170 organizzazzjoni fl-Ewropa kollha. Permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien, tal-esperjenzi u tar-riżorsi, l-inizjattiva saret aktar b'saħħitha.



2


Il-kampanja „End the Cage Age“

Preparazzjoni

L-organizzaturi tal-inizjattiva “End the Cage Age” għandhom esperjenza sostanzjali fil-promozzjoni tal-benessri tal-annimali u fil-kxif tal-problemi relatati mat-trobbija intensiva tal-annimali. Ftit wara l-bidu tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, huma rreġistraw inizjattiva li talbet għal Direttiva tal-UE dwar il-benessri tal-baqar tal-ħalib. Madankollu, l-organizzaturi rtiraw din l-inizjattiva ffit wara r-reġistrazzjoni minħabba dewmien fit-twassil tas-sistema tas-software li kienet se tintuża biex jinġabru l-firem. Din l-ewwel esperjenza bil-proċess tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej iffamiljarizzat lit-tim mal-istrument u għamlithom aktar konxji tal-potenzjal tiegħu. Konxji li l-moviment tal-promozzjoni tal-annimali huwa mifrux fl-UE kollha u li għadd dejjem akbar ta' ċittadini jixtiequ jaraw titjib kbir fit-trattament tal-annimali mrobbija, l-organizzaturi rrealizzaw li kellhom bżonn jimmassimizzaw l-appoġġ u jżidu l-opportunitajiet tagħhom għal riforma leġiżlattiva. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, għalhekk, ħarġet bħala l-għodda xierqa biex jinkiseb dan l-objettiv.

L-ippjanar bir-reqqa kien estremament importanti u l-abbozzar tal-proposta ta' inizjattiva kien jeħtieġ ħidma sinifikanti. It-tnejjiet bdew sena bil-quddiem billi ddefinixxew id-domanda legali tal-kampanja u l-kampanja tal-ippjanar u l-għodod ta' komunikazzjoni. Flimkien ma' dan, l-organizzaturi bdew jidentifikaw sħab biex jappoġġjaw il-kampanja u finalment irreklutaw aktar minn 170 organizzazzjoni mill-Unjoni Ewropea kollha. Huma ħadmu wkoll mal-Intergrupp dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali tal-Parlament Ewropew u għenu biex jiġi stabbilit sottogrupp ta' MEPs li jaħdem speċifikament fuq it-tmiem tal-gaġeġ fil-biedja.

L-organizzaturi riedu wkoll jiżguraw li jkollhom **aċċess għal finanzjament suffiċjenti, pjanijiet ta' riżerva fattibbli u l-kapaċità** li jipproċedu. Kien importanti wkoll li ssir riċerka u jiġi kkunsidrat dak li din il-kampanja riedet tgħid liċ-ċittadini Ewropej u lill-Kummissjoni dwar il-futur tal-biedja. Matul dan il-proċess, l-organizzaturi kkuntattjaw liċ-ċittadini biex jiddiskutu l-ideat tagħhom għall-inizjattiva: “Aħna fassalna l-ideat tagħna magħhom. Din ma kinitx ġeġja mingħandna biss iżda tgħallimna minnhom.” Wara kunsiderazzjoni fit-tul, il-gaġġa: wieħed mill-aktar simboli bażiċi tat-trobbija intensiva tal-annimali, intgħażel biex tiggwida l-inizjattiva. Il-messaġġ tal-inizjattiva kollu kemm



hu kien ibbażat fuq ir-realtà eżistenti, iżda kien essenzjali li tkun iffokata fuq il-futur, tippreżenta alternattivi tanġibbli u jkollha elementi pożittivi.

It-tnejn ta' strateġija ta' komunikazzjoni effiċjenti kienet vitali għall-organizzaturi. Kien importanti li jiġu definiti u mifhuma d-diversi udjenzi fil-mira, kemm dawk li jfasslu l-politika, il-pubbliku ġenerali jew il-media. L-istil tal-messaġġ tal-kampanja għie adattat biex "jitkellem il-lingwa" tal-udjenza speċifika li kien maħsub li jilħaq fi kwalunkwe ħin.

Il-bini ta' preżenza online kien ukoll parti kruċjali mill-istrateġija ta' komunikazzjoni ta' "End the Cage Age". L-organizzaturi bnew sit web għalihom infushom kif ukoll għal diversi sħab. Barra minn hekk, kien importanti li jinħoloq materjal biex jinxtred online u fuq il-media soċjali biex tiġi promossa l-inizjattiva. Skont l-organizzaturi, il-kampanji tal-media soċjali bi ħlas kienu ta' għajjnuna, iżda mhux fattur deċiżiv fis-suċċess tal-kampanja. Minbarra l-fokus sinifikanti online, il-kampanja qagħdet ukoll fuq fuljetti tal-karti u xerrdithom b'mod wiesa' u b'lingwi differenti (Aktar informazzjoni f'[dan](#) il-webinar: "End the Cage Age" fejn l-organizzatur, Olga Kikou, tikkondividi l-għarfien tagħha dwar il-kampanji online).

Fit-tnejn ta' strateġija ta' ġestjoni tal-kampanja, l-organizzaturi stabbilixxew **stadji importanti u numri fil-mira ċari** għall-firem f'kull Stat Membru. Huma ħejjew ukoll kalendarju dettaljat li jiddeskrivi l-kompiti tagħhom għal kull xahar tal-kampanja u għall-perjodu ta' wara l-ġbir.

Dan kien kritiku għas-suċċess tal-kampanja li **t-tnejniet u l-ippjanar kollha tlestew qabel ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva** (jekk jogħġbok innota li illum, skont ir-regoli l-ġodda tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, l-organizzaturi għandhom sa sitt xhur bejn ir-reġistrazzjoni u l-bidu tal-perjodu ta' ġbir tal-firem ta' 12-il xahar. Meta tnediet l-inizjattiva "End the Cage Age", dan ma kienx il-każ).



| Implimentazzjoni

Għall-kampanja “End the Cage Age”, spiss kien hemm **ħafna livelli ta’ azzjonijiet** li seħnew fl-istess ħin. L-organizzaturi rrilaxxaw filmati investigattivi minn irziezet li jużaw gaġeġ biex iżidu l-għarfien tal-pubbliku dwar il-kwistjoni u juru r-realtà tal-kundizzjonijiet li fihom iridu jgħixu ħafna annimali tat-trobbija. Fl-istess ħin, huma ħadmu ma’ dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll ma’ partijiet ikkonċernati differenti bħal xjenzati, negozji u organizzazzjonijiet li jikkampanjaw favur l-ambjent, is-saħħa u l-biedja. Huma impenjaw ruħhom ukoll mal-media soċjali u ppruvaw iżommu għadd kostanti ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ kull xahar, filwaqt li fasslu wkoll pjanijiet ta’ riżerva kreattivi biex jintużaw jekk l-appoġġ jonqos.


Ir-rwol tal-**organizzazzjonijiet sħab** kien essenzjali wkoll. Għall-organizzaturi, dan kien kruċjali biex is-sħab iħossuhom impenjati għall-kawża u jikkomunikaw li l-inizjattiva kienet il-proġett tagħhom daqs l-oriġinaturi. L-organizzaturi appoġġjaw in-network billi ħolqu u qasmu materjal li jistgħu jużaw biex jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet u l-kapaċità tagħhom. L-organizzaturi użaw newsletters u aġġornamenti regolari bl-email kif ukoll sejħiet virtwali biex jibqgħu f’kuntatt man-network u jiżguraw komunikazzjoni kostanti u kontinwa mas-sħab tagħhom. Barra minn hekk, ħafna sħab organizzaw l-avvenimenti tagħhom stess u kellhom rwol prominenti u attiv fuq il-media soċjali mmirati lejn in-networks tagħhom stess, li jillokalizzaw u jitraduċu materjal ta’ informazzjoni u promozzjoni.

Mill-bidu nett, il-kampanja “End the Cage Age” iddeċidiet li **tiġbor firem mill-pajjiżi kollha tal-UE**, minflok ma ffukat fuq ftit biss. L-organizzaturi rnexxielhom jiġbru ħafna firem f’pajjiżi fejn kellhom ufficijji jew rappreżentanti, kif ukoll f’pajjiżi fejn is-sħab tan-network kellhom preżenza qawwija. L-avvenimenti tat-tnedija kellhom rwol importanti fl-istadji bikrija tal-kampanja. Dawn l-avvenimenti ġew organizzati mhux biss fil-livell nazzjonali f’diversi Stati Membri f’kooperazzjoni mas-sħab lokali, iżda wkoll fil-Parlament Ewropew.

Minħabba n-natura transnazzjonali tal-istrument, preżenza attiva f’ħafna pajjiżi kienet essenzjali u r-rwol tal-voluntiera kien kruċjali għall-kampanja.

Matul il-kampanja, **diversi ċelebritajiet ta’ profil għoli**, bħall-atturi Pamela Anderson u Ricky Gervais, approvaw “End the Cage Age”, appoġġ li kien ta’ benefiċċju kbir. Iċ-ċelebritajiet lokali kellhom ukoll rwol importanti fil-livell lokali, peress li n-nies setgħu jirrelataw magħhom. L-appoġġ taċ-ċelebritajiet kien imprezzabbli, speċjalment minħabba l-effett multiplikatur li l-parteċipazzjoni u l-appoġġ tagħhom spiss joħolqu.

Sorsi ta’ finanzjament (€)



■ Compassion in World Farming

| Ġbir tal-firem

Għalkemm il-mod ta' kampanja tradizzjonali kien importanti u t-taħdit dirett man-nies kien parti ewlenija, deher ċar għall-organizzaturi li l-biċċa l-kbira tal-firem kienu se jinġabru online u mhux fuq il-karta.

Fir-rigward tan-numru ta' firem miġbura, l-organizzaturi raw li kien hemm momentum sinifikanti fil-bidu tal-kampanja, b'ħafna ċittadini jiffirmaw l-inizjattiva. Madankollu, wara ftit xhur in-numri bdew jonqsu u l-organizzaturi kellhom joħroġu b'modi kreattivi biex jerġgħu jżidu l-għadd ta' firem.

"End the Cage Age" użat OpenECI, software ta' ġbir ta' firem online li għadd ta' inizjattivi oħra kienu diġà użaw fil-passat. Id-deċiżjoni tal-organizzaturi li jużaw OpenECI kienet ibbażata fil-biċċa l-kbira fuq l-esperjenza flessibbli tal-utent tagħha u fuq il-kapaċità li tinġabar id-data ta' kuntatt tal-utent (jekk jagħżlu li jipparteċipaw) biex jibagħtu informazzjoni ta' segwitu.

Aktar informazzjoni, pariri u suġġerimenti dwar il-ġbir tal-firem minn Olga Kikou, l-organizzatur "End the Cage Age", huma disponibbli [hawnhekk](#).




IMPORTANTI:

Mill-1 ta' Jannar 2023, l-organizzaturi se jkunu jistgħu jużaw biss is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online tal-Kummissjoni Ewropea. Il-vantaġġi ewlenin tagħha jinkludu:

- **preparazzjoni minima** (soluzzjoni turnkey);
- **mingħajr ħlas**;
- **ebda approvazzjoni** meħtieġa (is-sistema diġà tikkonforma mal-istandards tekniċi u ta' sigurtà – biex tuża s-sistema, inti sempliċiment tiffirma ftehim mal-Kummissjoni);
- **setup rapidu** (biex tintuża s-sistema, sempliċiment informa lill-Kummissjoni 10 ijiem ta' xogħol qabel ma jibda l-ġbir, permezz tal-kont tal-organizzatur tiegħek)
- f'xi pajjiżi, is-sostenituri jistgħu jużaw **l-identifikazzjonelettronika** biex jiffirmaw inizjattivi;
- is-sistema hi kompletament aċċessibbli għall-persuni **b'diżabbiltajiet**;
- tista' wkoll tuża s-sistema biex tiġbor **l-indirizzi tal-email tas-sostenituri** (għal komunikazzjoni kontinwa magħhom dwar l-inizjattiva).

Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' sostenn (f'tipa grassa l-pajjiżi fejn intlaħaq il-livell limitu)



| Verifika u sottomissjoni

B'kollox, matul sena sħiħa, inġabru 1,397,113 firma vverifikata fi 28 Stat Membru tal-UE u ġew ippreżentati fit-2 ta' Ottubru 2020.

L-organizzaturi jemmnu li l-fażi wara l-ġbir tal-firem kienet importanti daqs il-ġbir innifsu. Huma kkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u żguraw li d-dikjarazzjonijiet kollha ntbagħtulhom fil-ħin. Dan kien proċess ikkumplikat li kien jeħtieġ il-ġbir u t-tqassim tad-dikjarazzjonijiet stampati skont il-pajjiż, il-kuntatt tal-uffiċjali fil-pajjiżi u l-komunikazzjoni magħhom biex jiġu żgurati l-attenzjoni u r-rispons fil-pront tagħhom. Sfida addizzjonali matul dan il-perjodu kienet il-ħtieġa ta' thejjiġa għal-laqqgħa mal-Kummissjoni Ewropea u għas-seduta pubblika fil-Parlament Ewropew, li huma attivitajiet li jieħdu ħafna ħin. Fl-aħħar nett, **iż-żamma tal-kampanja ħajja u ż-żamma ta' livell għoli ta' interest** miċ-ċittadini fuq l-inizjattiva kienu kruċjali matul il-perjodu ta' sottomissjoni.

Aktar informazzjoni dwar l-istadji varji tal-organizzazzjoni ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija disponibbli f'[dan](#) il-webinar. L-organizzatur ta' "End the Cage Age", Olga Kikou, taqsam kif organizzatur ta' inizjattiva ta' suċċess esperjenza l-istadji differenti.



3

L-impatt tal-kampanja „End the Cage Age”

Eżaminazzjoni u deċiżjoni tal-Kummissjoni

Fit-30 ta' Ottubru 2020, l-organizzaturi ta' "End the Cage Age" iltaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, Věra Jourová u l-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Stella Kyriakides. (Ara [l-istqarrija għall-istampa](#)).

Fil-15 ta' April 2021, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Parlament Ewropew, flimkien mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, organizza seduta pubblika dwar l-inizjattiva. Matul is-seduta ta' smiġħ, "End the Cage Age" irċeviet appoġġ wiesa' mill-MEPs fl-ispettru politiku kollu, minbarra l-kummenti pożittivi magħmula mill-Kummissarji. (Ara [l-istqarrija għall-istampa](#))

Fis-sessjoni plenarja tal-PE tal-10 ta' Ġunju 2021, il-Membri qablu li l-leġiżlazzjoni tal-UE hija meħtieġa u talbu lill-Kummissjoni toħroġ bi proposti leġiżlattivi biex telimina gradwalment l-użu tal-gaġeġ fit-trobbija tal-annimali fl-UE, possibbilment sa mill-2027, wara perjodu xieraq ta' tranżizzjoni u wara li tkun twettqet valutazzjoni xjentifika soda tal-impatt. Ir-[reżoluzzjoni](#) ġiet adottata b'558 vot favur, 37 kontra u żewġ astensjonijiet. Il-membri tal-PE enfasizzaw ukoll li jeżistu alternattivi għat-trobbija fil-gaġeġ u qed jiġu implimentati b'suċċess f'diversi Stati Membri. Dawn is-sistemi alternattivi għandhom jittejbu u jitħeġġu aktar fil-livell tal-Istati Membri, u hija meħtieġa leġiżlazzjoni tal-UE biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa madwar l-Unjoni Ewropea. (Ara [l-istqarrija għall-istampa](#))

Wara d-dibattitu fil-Parlament Ewropew, fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat it-tweġiba uffiċjali tagħha fil-forma ta' Komunikazzjoni. (Ara [l-istqarrija għall-istampa](#)). Fit-tweġiba tagħha għal "End the Cage Age", il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta, sa tmiem l-2023, proposta leġiżlattiva biex telimina gradwalment, u finalment tipprojbixxi, l-użu ta' sistemi ta' gaġeġ għall-annimali kollha msemmija fl-inizjattiva. B'mod parallel mal-leġiżlazzjoni u biex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni bilanċjata u ekonomikament vijabbli għal biedja mingħajr gaġeġ, il-Kummissjoni se tfittex miżuri ta' appoġġ f'oqsma ta' politika ewlenin relatati, bħall-kummerċ u r-riċerka u l-innovazzjoni. Peress li t-tmiem tal-użu tal-gaġeġ se jirrikjedi bidliet fis-sistemi tal-biedja attwali, il-Kummissjoni se



tikkunsidra wkoll l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali tal-miżuri li għandhom jittieħdu f'valutazzjoni tal-impatt li għandha titlesta qabel tmiem l-2022. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-fattibbiltà biex taħdem sabiex il-leġiżlazzjoni proposta tidħol fis-seħħ mill-2027.

| Segwitu

Minbarra l-impatt formali ta' "End the Cage Age", huwa kruċjali li jinxtiehet dawl ukoll fuq l-impatt tal-Inizjattiva fi ħdan il-Parlament Ewropew. Aktar importanti minn hekk, l-organizzaturi ħadmu b'mod attiv mal-Intergrupp dwar it-Trattament Xieraq tal-Animali tal-Parlament Ewropew u għenu biex jiġi stabbilit sottogrupp ta' MEPs li jaħdem speċifikament fuq it-tmiem tal-gaġeġ fil-biedja.



Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

- Huwa importanti li tkunu ppreparati sew u tevitaw li tibdew bil-proċess bil-ħsieb li dan se jkun faċli. Mhuwiex biżżejjed li jkollkom idea tajba.
- Agħmlu sforz biex tibnu network b'saħħtu ta' voluntiera u organizzazzjonijiet sħab biex jappoġġaw il-kampanja.
- L-ippjanar u l-ħidma ma' oħrajn huma kruċjali. Se jkun hemm ħafna sfidi qabel il-fażi tal-ġbir, matula u warajha.
- Ibdew skambju ma' organizzaturi oħra li diġà nedew inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll partijiet ikkonċernati li qed jaħdmu fuq il-problema li tixtieq tibdel. Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej taħdem biss permezz ta' kollaborazzjoni! Kunu ppreparati sew u tgħallmu kemm tistgħu mill-organizzaturi ta' inizjattivi oħra.
- Il-proċess ma jitlestieħ dakinhar li jintemm il-perjodu tal-ġbir tal-firem. It-tnejjijiet għal-laqqgħa mal-Kummissjoni Ewropea u għas-seduta pubblika fil-Parlament Ewropew huma attivitajiet li jieħdu ħafna ħin. Huwa kruċjali wkoll li l-kampanja tinżamm ħajja. Żguraw li l-kwistjoni ma tisparixxix mill-attenzjoni pubblika f'dan il-punt.